**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2018**

**Talba Numru: 68/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 46**

**Multi Packaging Limited (C158)**

**103, Demajo House,**

**Archbishop Street,**

**Valletta VLT 1466**

**Vs**

**Timely Limited (C76572)**

**8, Fortuna Court,**

**Mosta Road,**

**H'Attard**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fit-13 ta' Frar, 2018 li permezz tieghu talbet minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas ta' erbat elef mija u tmienja u sebghin ewro u tlettax il centezmu (€4,178.13c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u

kkonsenjata lill-istess socjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta u servizzi ohra ancillari.

Ra li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-seduta, izda ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher hadd ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt s-socjeta' konvenuta naqset li tidher biex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef mija u tmienja u sebghin ewro u tlettax-il centezmu (€4,178.13c) oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**